**L-Erbgħa**

**L-Ewwel ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Alla, Sid qaddis tas-sema,
waqt li x-xemx qed tgħib minn fuqna,
kullimkien bi ġmielek tiksi
mad-dawl fietel filgħaxija.

2.
Meta r-raba' jum issebbaħ
taħt idejk bix-xemx ħanina,
inti tajtna wkoll il-qamar,
b'għadd bla tarf ta' kwiekeb ħelwa.

3.
Bihom int turina l-bidla
bla waqfien tax-xhur u l-iżmna,
sabiex aħna wkoll infittxu
bla mistrieħ it-tiġdid tagħna.

4.
Għalhekk dawwal il-qlub tagħna,
saffi 'l ruħna minn kull tebgħa,
ħoll il-ktajjen ta' dnubietna,
u ħarisna 'l bogħod mill-ħtija.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Alla jagħtini d-dawl u jsalvani, jeħlisni minn kull biża'.
L-Għid: Alla bil-leminija tiegħu għolla 'l Ġesù u għamlu kap u salvatur, hallelujah.

**Salm 26 (27)**
I
Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi; *
minn min għandi nibża'?
Il-Mulej hu l-kenn tiegħi; *

quddiem min għandi nitwerwer?
Meta jqumu għalija l-ħżiena, *
biex jaħtfuni u jikluni,
dawk li għandhom għalija, l-għedewwa tiegħi, *
huma jitfixklu u jaqgħu.

Imqar jekk eżerċtu jqum għalija, *
xejn ma tibża' qalbi;
imqar jekk gwerra tqum kontrija, *
jien nibqa' qalbi qawwija.

Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej *
ħaġa waħda nfittex:
li ngħammar f'dar il-Mulej *
tul il-jiem kollha ta' ħajti;
biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej *
u nbakkar fit-tempju tiegħu.

Għax hu jaħbini fl-għarix tiegħu *
meta nsib ruħi fl-għawġ;
jistorni fis-satra ta' daru, *
fuq blata fl-għoli jqegħedni.
U issa tintrefa' rasi *
fuq l-għedewwa ta' madwari.
U jien noffri fit-tempju tiegħu
sagrifiċċju b'għajat ta' ferħ. *
Ngħanni u nfaħħar il-Mulej!

Ant. Alla jagħtini d-dawl u jsalvani, jeħlisni minn kull biża'.
Ant. 2 Jien wiċċek infittex, Mulej: la taħbix wiċċek minni.
L-Għid: Nemmen li għad nara t-tjieba tal-Mulej f'art il-ħajjin, hallelujah.

II
Isma', Mulej, leħen l-għajta tiegħi, *
ħenn għalija u weġibni.
"Ejja," għedt f'qalbi, "fittex 'il wiċċu;" *
jien wiċċek infittex, Mulej.

La taħbix wiċċek minni, *
la twarrabx bl-herra l-qaddej tiegħek.
Inti l-għajnuna tiegħi; tħallinix *
u titlaqnix, Alla tas-salvazzjoni tiegħi.
Għalkemm telquni missieri u ommi, *
il-Mulej jilqagħni għandu.

Urini, Mulej, it-triq tiegħek, *
mexxini minn mogħdija dritta
minħabba l-għedewwa tiegħi. –

Titlaqnix għax-xewqa ta' l-għedewwa tiegħi; †
għaliex xhieda qarrieqa qamu kontrija, *
li l-qerq jarmu man-nifs tagħhom.

Nemmen li għad nara t-tjieba tal-Mulej *
f'art il-ħajjin.
Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek; *
ittama fil-Mulej.

Ant. Jien wiċċek infittex, Mulej: la taħbix wiċċek minni.
Ant. 3 Hu l-kbir fost il-ħlejjaq kollha, hu l-ewwel f'kollox.
L-Għid: Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih: lilu glorja għal dejjem, hallelujah.

## Kantiku (Kol 1,12-20)

Roddu ħajr lill-Missier, †
li għamilkom denji *
li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl.
Hu ħelisna mill-ħakma tad-dlam, *
u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-għażiż,
li bih għandna l-fidwa, *
il-maħfra tad-dnubiet.

Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, *
il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;
għax bih kien maħluq kollox, *
fis-sema u fl-art,
dak kollu li jidher †
u dak kollu li ma jidhirx, *
troni u ħakmiet, prinċipati u setgħat.

Kollox bih u għalih kien maħluq, †
hu qabel kollox, *
u kollox bih qiegħed iżomm.

Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja; †
hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, *
sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.

Fih għoġobha tgħammar il-milja kollha tad-divinità, *
fih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu,
u bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, *
ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

Ant. Hu l-kbir fost il-ħlejjaq kollha, hu l-ewwel f'kollox.

## LEZZJONI QASIRA Ġak 1, 22. 25

Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu

bikom infuskom. Dak li jgħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-libertà u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; u dan ikun hieni fl-għemil tiegħu.

## RESPONSORJU QASIR

R. Eħlisni int, Mulej, * U ħenn għalija. Eħlisni.
V. Tgħoddnix man-nies midinba. * U ħenn għalija. Glorja. Eħlisni.

Ant. tal-kant. ta' Marija Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu.

## PREĊI

Ikun f'kollox igglorifikat l-isem tal-Mulej, għax hu jħobb bi mħabba bla qjies lill-poplu għażiż tiegħu.
Uri lilna, Mulej, l-imħabba tiegħek.
*Ftakar, Mulej, fil-Knisja tiegħek:*
- ħarisha minn kull deni u żommha fl-imħabba perfetta tiegħek.
Agħmel li l-ġnus kollha jagħrfu lilek, li int waħdek Alla:
- u lil Ibnek Ġesù Kristu, li inti bgħatt.
Ibgħat ir-riżq it-tajjeb fuq art twelidna:

- sawwab dejjem fuqha l-barka tiegħek.
Serraħ lil dawk li huma mtaqqlin bix-xogħol u t-taħbit:
- ħu f'idejk il-kawża ta' min hu mżeblaħ u ġiegħel li tintraddlu d-dinjità tiegħu.
Iftaħ id-dirgħajn tal-ħniena tiegħek għall-bnedmin kollha li llum ħallew din id-dinja:
- ilqagħhom fis-sliem tas-saltna tiegħek.

**Missierna**

## Talba

Kun fostna, Mulej, aħna u nitolbuk, u lejl u nhar iġborna taħt il-ħarsien tiegħek; int, li qatt ma titbiddel, żommna dejjem sħaħ u mexxina int f'dawn iż-żminijiet li dejjem jitbiddlu. B'Ibnek.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**